A.L. 19 ta' l-1985

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 13)

Regolamenti ta' l-1985 dwar 'Speed Boats' u Skijar fuq il-Baħar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 215 u 215A tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1985 dwar *Speed Boats* u Skijar fuq il-Baħar u għandhom jibdew iseħħu f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-portijiet jistabbilixxi b'avviż pubblikat fil-Gazzetta. **Titolu u bidu fis-seħħ.**

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra — **Tifsir.**

"Port il-Kbir" tfisser il-baħar magħluq b'linja miġbuda mit-tarf ta' barra tal-ponta tal-*breakwater* fuq in-naħa tal-Forti Sant'Irmu sa l-istess tarf tal-*breakwater* fuq in-naħa tal-Forti Ricasoli;

"port" tfisser kull wieħed mill-portijiet u kull waħda mill-bajjiet speċifikati fit-Taqsima I ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

"Port ta' Marsamxett" tinkludi l-baħar magħluq b'linja miġbuda mill-ponta ta' Sant'Irmu sal-ponta ta' Dragut;

"*speed boat* privata" tfisser *speed boat* li ma tkunx liċenzjata għall-kiri;

"*speed* ta' l-iskijar" tfisser *speed* ta' iktar minn għaxar *knots*;

"*speed boat*" tfisser kull biċċa jew inġenju tal-baħar li jitħaddmu bil-mutur, ta' tul totali ta' mhux iżjed minn 20 metru, li jkunu jistgħu jimxu fuq il-baħar bi *speed* ta' iżjed minn tnax-il *knot*;

"*speed boat* għall-kiri" tfisser *speed boat* li jkollha liċenza minn post liċenzjat kif imiss għall-kiri ta' *speed boats* sew jekk biex tintuża bħala inġenju għall-ġbid f'lezzjonijiet jew faċilitajiet għal skijar fuq il-baħar, sew biex tinsaq għall-gost fuq il-baħar mingħajr il-ġbid ta' nies bl-iskijar kemm li għadhom qed jitgħallmu jew li jkollhom esperjenza, u sew jekk jinsaqu mid-detentur tal-liċenza ta' dak il-post liċenzjat jew minn xi persuna mpjegata minnu għal hekk minn dak id-detentur tal-liċenza, jew minn persuna li jkollha liċenza biex issuq *speed boat*;

"skijar fuq il-baħar" tfisser il-ġbid u l-iskidjar ta' persuna bl-iskis, jew b'xi mezz ieħor simili, fuq wiċċ il-baħar miġbuda minn *speed boat* li timxi bi *speed* ta' l-iskijar.

3. Ebda persuna ma għandha ssuq jew tħalli jew tippermetti li tinsaq xi *speed boat*, jew xi inġenju ieħor tal-baħar li jitħaddem bil-mutur, bi *speed* li jkun iżjed minn għaxar *knots* — *Speed* f'portijiet, eċċ.

(a) f'xi port, jew

(b) f'xi post sa 300 metru 'l barra mix-xtajta ta' xi bajja bir-ramel, jew

(ċ) f'xi post sa 200 metru 'l barra minn xi parti oħra tax-xtajta.

Min juża *speed boats* irid ikun assigurat kontra riskji ta' terzi persuni.

4. (1) Ebda persuna ma tista' ssuq jew iġġiegħel jew tħalli lil xi persuna oħra li ssuq *speed boat* kemm-il darba ma jkunx hemm fis-seħħ dwar min juża l-i*speed boat* relattivament għal dik il-persuna jew għal dik il-persuna l-oħra, skond il-każ, dik il-polza ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi persuni li tkun skond il-paragrafu li ġej ta' dan ir-regolament.

(2) Sabiex tkun skond il-ħtiġiet ta' dan ir-regolament polza ta' assigurazzjoni għandha tkun polza li tassigura lil dik il-persuna, lil dawk il-persuni jew dawk il-klassijiet ta' persuni li jistgħu jkunu speċifikati fil-polza kontra kull responsabbiltà li tista' tkun jew jistgħu jkunu suġġetti għaliha dwar il-mewt ta', jew korriment li jiġġarrab minn, xi persuna, li jkunu kawżati jew jinħolqu mill-użu ta' l-i*speed boat*.

Numru ta' identifikazzjoni ta' *speed boats*, eċċ.

Kap. 13

5. Ebda *speed boat*, jew xi inġenju ieħor tal-baħar li jkun jitħaddem bil-mutur liċenzjat skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 239 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija u li jkun jista' jimxi bi *speed* li jkun iżjed minn tnax-il *knot*, ma għandhom jintużaw jekk dak in-numru u dik l-ittra jew dawk l-ittri, li l-Kummissarju tal-Pulizija jista' jagħtihom skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmi Kodiċi, ma jkunux miżbugħa jew immarkati fuq barra ta' kull naħa tal-pruwa tagħhom skond id-dispożizzjonijiet tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Speed ġenerali.

6. Bla ħsara għal xi disposizzjoni oħra ta' dawn ir-regolamenti, ebda persuna ma għandha ssuq, tħalli jew tippermetti li *speed boat* jew xi inġenju ieħor tal-baħar li jkun jitħaddem bil-mutur li jinsaqu bi *speed* li, fiċ-ċirkostanzi partikolari, ikun ta' periklu ta' mewt jew ta' korriment jew x'aktarx iwassal għal kolliżjoni.

Projbizzjoni ta' għawm.

7. (1) Ebda persuna ma għandha tgħum f'xi area li tkun 'il barra iktar minn 20 metru minn xi parti tax-xtajta f'xi wieħed mill-portijiet speċifikati fit-Taqsima II ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Ebda persuna ma għandha tgħum minn xi vapur marbut fil-Port il-Kbir lejn il-Lbiċ ta' linja li tgħaqqad il-Ponta ta' Sant'Anġlu u l-Ponta ta' l-Imgħerbeb.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjoni tal-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, ebda persuna ma għandha tgħum 'il barra iktar minn 20 metru minn xi vapur marbut fil-Port il-Kbir jew fil-Port ta' Marsamxett.

Projbizzjoni ta' skijar fuq il-baħar f'ċerti arei.

Ord. Nru. XIII ta' l-1962

8. (1) Ma jista' jsir ebda skijar fuq il-baħar sa 300 metru mix-xtajta ta' xi bajja bir-ramel, jew sa 200 metru minn xi parti oħra tax-xtajta, jew fid-dħul ta' xi port hekk dikjarat taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar il-Portijiet.

(2) Min jiskija għandu jitlaq minn fuq ċattra marbuta jew imħaddma f'distanza ta' mhux inqas minn 300 metru mix-xtajta ta' xi bajja bir-ramel, jew mhux inqas minn 200 metru minn xi parti oħra tax-xtajta u 'l bogħod minn kull dgħajsa, passaġġ tal-bastimenti għal ġo port, skal, post ta' żbark jew irmiġġ.

Liċenza tas-sewqan.

9. Ebda persuna ma għandha ssuq xi *speed boat*, jew tiġbed lil xi persuna biex tiskija fuq il-baħar, jekk ma jkollhiex liċenza tas-sewqan maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija.

(2) L-imsemmi Kummissarju ma għandux joħroġ xi liċenza bħal dik jekk l-applikant ma jkollux 18-il sena u ma jkunx kompetenti li jsuq *speed boat*.

(3) L-imsemmi Kummissarju jista' jagħmel kull kondizzjoni li jidhirlu xierqa ma' kull liċenza bħal dik.

Liċenza tas-sewqan għal *instructor*.

10. (1) Ebda persuna ma tista' tagħmilha ta' *instructor* tas-sewqan ta' *speed boat* jew ta' l-iskijar tal-baħar kemm-il darba ma jkollhiex liċenza tas-sewqan għal *instructor* maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija.

(2) L-imsemmi Kummissarju m'għandux joħroġ xi liċenza bħal dik jekk l-applikant ma jkollux 21 sena u ma jkunx kompetenti li hekk jagħmilha ta' *instructor*.

(3) L-imsemmi Kummissarju jista' jagħmel kull kondizzjoni li jidhirlu xierqa ma' kull liċenza bħal dik.

Forma ta' liċenza.

11. Kull liċenza maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija taħt ir-regolament 9 jew 10 ta' dawn ir-regolamenti għandha tkun iffirmata mid-detentur tal-liċenza u għandu jkollha r-ritratt ta' dak id-detentur.

Skejjel għal skijar fuq il-baħar, eċċ.

12. (1) Ebda persuna ma għandha tmexxi jew tħaddem skola għas-sewqan ta' *speed boats* jew skola għal skijar fuq il-baħar, jew tipprovdi faċilitajiet għal skijar fuq il-baħar, jew tikri *speed boats* biex isuqhom min jikrihom jew xort'oħra, jekk ma jkollhiex il-liċenza relattiva maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija.

(2) L-imsemmi Kummissarju ma għandux joħroġ dik il-liċenza jekk min japplika ma jkollux 21 sena u ma jkunx kompetenti li jagħti dawk is-servizzi jew dawk il-faċilitajiet.

(3) L-imsemmi Kummissarju jista' jagħmel kull kondizzjoni li jidhirlu xierqa ma' kull liċenza bħal dik.

(4) Kull liċenza maħruġa mill-imsemmi Kummissarju taħt dan ir-regolament għandha turi n-numru tar-reġistrazzjoni ta' l-i*speed boats* li għalihom tkun tapplika l-liċenza.

(5) Kull liċenza bħal dik għandha titqiegħed f'post fejn tidher sewwa fil-post użat bħala uffiċċju mid-detentur tal-liċenza.

X'ikun fiha applikazzjoni għal liċenza.

13. Applikazzjoni għal kull liċenza taħt dawn ir-regolamenti għandha ssir fuq formula maħruġa għal hekk mill-Kummissarju tal-Pulizija u għandha turi dak it-tagħrif li jkun meħtieġ mill-imsemmi Kummissarju.

Revoka ta' liċenza, eċċ.

14. (1) Il-Kummissarju tal-Pulizija jista', f'kull żmien, mingħajr ma jagħti raġuni għaliex, jissospendi, iħassar jew jirrevoka kull liċenza li qabel tkun ingħatat jew iġġeddet minnu taħt dawn ir-regolamenti.

(2) L-imsemmi Kummissarju jista', f'kull żmien, ma jħallix l-użu ta' xi *speed boat* jew ta' xi inġenju ieħor tal-baħar, jekk dik l-i*speed boat* jew dak l-inġenju jitqiesu minnu, fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu, li ma humiex tajbin għall-baħar.

Għoti lura ta' liċenza.

15. Persuna li l-liċenza tagħha taħt dawn ir-regolamenti tkun ġiet sospiża, imħassra jew revokata mill-Kummissarju tal-Pulizija, għandha, fi żmien 24 siegħa minn dik is-sospensjoni, tħassir jew revoka, tagħti lura l-liċenza tagħha lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Kiri ta' *speed boats.*

16. Ebda persuna ma tista' tikri lil xi persuna oħra xi *speed boat* għal xi għan ikun li jkun jekk in-numru tar-reġistrazzjoni ta' dik l-i*speed boat* ma jkunx imniżżel fuq il-liċenza tal-persuna l-ewwel imsemmija.

Tħaris ta' ordnijiet, eċċ.

17. Id-detentur ta' kull liċenza maħruġa taħt dawn ir-regolamenti għandu jħares kull struzzjonijiet, ordnijiet jew direttivi maħruġa minn żmien għal żmien mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mid-Direttur tal-Portijiet dwar —

(a) li jiġi żgurat il-ħarsien mill-periklu ta' min jiskija u ta' l-inġenji tal-baħar;

(b) li jiġi evitat ħbit fuq il-baħar u fastidju bla meħtieġ ta' ħaddieħor li jkun qed juża dik l-area;

(ċ) it-tqegħid, il-qies u l-forma taċ-ċattra u/jew l-irmiġġ, u tal-marki jew sinjali li bihom dawk iċ-ċattri jkunu jidhru b'mod ċar u faċilment, u

(d) b'mod ġenerali, il-kontroll, limitazzjonijiet, restrizzjonijiet u t-tħaddim jew tmexxija bla periklu dwar skijar fuq il-baħar u/jew ta' *cruising*.

Osservatur waqt skijar.

18. Ebda persuna ma għandha ssuq jew tinnaviga *speed boat* bi *speed* ta' skijar u tiġbed persuna li tkun qed tiskija jekk fuq dik l-i*speed boat* ma jkunx hemm persuna oħra, 'il fuq mill-età ta' 18-il sena, li kontinwament toqgħod għassa għal min ikun qed jiskija u tosservah.

Kiri ta' *speed boats.*

19. Ebda persuna ma tista' tikri xi *speed boat* ħlief mingħand persuna li għandha liċenza taħt ir-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti.

Reġistru.

20. Kull persuna li jkollha liċenza taħt ir-regolament 12 ta' dawn ir-regolamenti għandha żżomm reġistru li juri t-tagħrif li ġej:

(a) id-data, u l-ħin tat-tluq u tal-wasla lura, ta' kull *speed boat* mikrija mingħandu, u

(b) l-isem u n-numru tal-liċenza tas-sewqan tas-sewwieq ta' l-i*speed boat*, jew

(ċ) l-isem, l-indirizz u n-numru tal-liċenza tas-sewqan tal-persuna li tikri l-i*speed boat* biex tinsaq minn min jikriha.

Tagħrif mis-sid ta' *speed boat.*

21. Is-sid ta' kull *speed boat* għandu, jekk hekk meħtieġ, jagħti lil kull uffiċjal tal-pulizija dak it-tagħrif li jkun jinħtieġ sabiex ikun jista' jidentifika lill-persuna li kienet qed issuq jew tinnaviga dik l-i*speed boat* f'xi ħin partikolari.

Jirrevoka l-A.L. 26 ta' l-1961.

22. Ir-Regolamenti ta' l-1961 dwar Inġenji Żgħar ta' Veloċità huma b'dan revokati.

L-EWWEL SKEDA

(Regolament 2)

TAQSIMA I

Portijiet

Malta

1. Il-Port il-Kbir
2. Il-Port ta' Marsamxett
3. Dik il-parti tal-Bajja ta' San Ġiljan lejn il-punent ta' linja miġbuda mil-Lukanda Cavalieri għad-dħul ta' Triq il-Kulleġġ, San Ġiljan

4. Il-Bajja ta' San Ġorġ, San Ġiljan
5. *Pretty Bay*, Birżebbuġa
6. Il-Bajja ta' San Ġorġ, Birżebbuġa

Għawdex

1. Il-Bajja tax-Xlendi
2. Il-Bajja ta' Marsalforn
3. Il-Port ta' l-Imġarr

TAQSIMA II

Portijiet

1. Il-Port il-Kbir
2. Il-Port ta' Marsamxett

IT-TIENI SKEDA

(Regolament 4)

1. F'din l-Iskeda, "numru" tinkludi "numerali u ittra".

2. In-numru għandu jkun, dwar *speed boats* privati, iswed fuq sfond abjad u, dwar *speed boats* liċenzjati għall-kiri, abjad fuq sfond iswed.

3. Ebda numerali ma għandu jkun għoli inqas minn 15.24 cm, u l-ispazju li jieħu kull numerali ma għandu f'ebda każ ikun inqas minn 76 mm, hekk iżda li ebda parti minnu ma tkun inqas minn 31 mm wisgħa.

4. L-ispazju bejn l-eqreb partijiet ta' kull numerali ma għandux ikun inqas minn 25 mm.

5. L-ispazji tal-bordura ta' fuq, taħt u tal-ġenb għandhom ikunu kif jiġi stabbilit mill-Kummissarju tal-Pulizija minn żmien għal żmien.